

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**

(2020/C 141/02)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

Billi:

- (a) il-leġittimità demokratika tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-fiduċja taċ-ċittadini fir-rappreżentanti tagħhom eletti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali;
- (b) id-demokrazija rappreżentattiva hija l-pedament tal-proġett tal-UE; iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 uriet l-interess kbir taċ-ċittadini fit-tiswir tal-affarijiet tal-UE; il-livelli kollha tal-gvern jeħtieġ li jindirizzaw sfidi ġodda u jiżviluppaw modi ġodda kif jinvolvu liċ-ċittadini;
- (c) kull sena jsiru elezzjonijiet fl-Istati Membri tal-UE fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u dawn l-elezzjonijiet jirrappreżentaw opportunità biex jiġi kkomunikat liċ-ċittadini kif il-politiki Ewropej jolqtu l-livelli kollha ta' governanza, u b'hekk jgħinu biex tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini;
- (d) ir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali joħroġ fid-dieher mill-fatt li huma responsabbli għal nofs l-investment pubbliku kollu, terz tan-nefqa pubblika u kwart tad-dħul mit-taxxa fl-UE;

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR);

1. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxu Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u jistenna bil-ħerqa li jikkontribwixxi biex jinkisbu riżultati konkreti u jieħu azzjoni b'benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini tal-UE;
2. jemmen li l-Konferenza hija opportunità biex jiġu identifikati miżuri li l-UE teħtieġ sabiex iżżid il-kapaċità tagħha li twettaq u ssaħħaħ il-funzjonament demokratiku tagħha f'konformità mal-prinċipju l-ġdid ta' sussidjarjetà attiva;
3. jenfasizza li aktar minn miljun rappreżentant lokali u reġjonali eletti madwar l-Unjoni għandhom ikunu involuti kemm fit-tfassil tal-politiki tal-UE kif ukoll fil-ħolqien ta' rabta bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha; biex iżid il-viżibbiltà tal-proċess, il-KtR jimpenja ruħu li jippromovi dibattiti dwar kwistjonijiet tal-UE fil-parlamenti reġjonali u fil-kunsilli muniċipali;
4. jilqa' l-miżuri proposti biex jintlaħqu ċ-ċittadini u jenfasizza l-importanza ta' dibattiti tematiċi miftuħa u estensivi; jappoġġja bis-sħiħ l-idea li elementi importanti tal-Konferenza għandhom ikunu deċentralizzati biex jinvolvu b'mod dirett u attiv żoni u popolazzjonijiet lil hinn mill-bliet kapitali Ewropej u nazzjonali. Għal dan il-għan, il-KtR ser jipprovdi appoġġ għall-membri tiegħu fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti lokali li jiffokaw fuq it-temi tal-Konferenza u ser jiżviluppa għodod biex jiġbor ir-riżultati u s-suġġerimenti ta' dawn id-dibattiti u jikkomunikahom lill-Konferenza;
5. jitlob li ċ-Ċentri tal-Europe Direct ikunu involuti fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u jiġu kkunsidrati bħala ċentri reġjonali ta' parteċipazzjoni, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u anke minħabba li r-rwol ewlieni tagħhom huwa li jippreżentaw kwistjonijiet Ewropej liċ-ċittadini b'mod ġenerali. Iċ-Ċentri tal-Europe Direct għandhom esperjenza importanti fil-promozzjoni ta' dibattiti, u għalhekk ikunu pilastru ewlieni biex jiġi żgurati li l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa tkun wiesgħa u arrikkita b'diversi opinjonijiet;
6. jenfasizza li għandhom jiġu żgurati l-pluraliżmu u l-inklużività fil-proċess tal-Konferenza u jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Parlament Ewropew għal approċċ fuq żewġ binarji: plenarja tal-Konferenza fil-livell istituzzjonali, u sett ta' agoras taċ-ċittadini u attivitajiet deċentralizzati relatati, bil-ħtieġa li tiġi żgurata l-eqreb konnessjoni bejn it-tnejn li huma; jinsisti li l-Konferenza u l-attivitajiet relatati magħha għandhom jirriflettu d-diversità fl-Ewropa, sabiex jiġi stimulat dibattitu profund;
7. jissuġġerixxi li l-Konferenza għandha tintegra l-kontribut minn għodod eżistenti ta' demokrazija parteċipattiva fil-livell lokali u reġjonali biex tikkomplementa l-mezzi ta' demokrazija rappreżentattiva. Dawn jinkludu pereżempju d-djalogi taċ-ċittadini u l-fora taċ-ċittadini, li kienu ta' suċċess f'diversi reġjuni, u li jinvolvu gruppi bbilanċjati ta' parteċipanti li ntgħażlu b'mod aleatorju; il-kombinazzjoni ta' fora taċ-ċittadini u ta' fora ta' esperti wriet li hija ta' siwi wkoll f'dan ir-rigward;

8. iqis li, anke wara t-tmiem tal-Konferenza, l-UE għandha tkompli tinvolvi ruħha direttament maċ-ċittadini tagħha, billi tibni fuq esperjenza vasta miksuba minn mudelli parteċipattivi biex jitwaqqaf mekkaniżmu strutturat permanenti għad-djalogu fil-livell lokali. Dawn il-mekkaniżmi permanenti jridu jiġu kkombinati ma' djalogi dwar kwistjonijiet topiċi fejn il-gruppi fil-mira jistgħu jinbidlu;

9. huwa tal-fehma li tinħtieġ enfasi partikolari fuq l-involvement taż-żgħażaġh fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni u biex tiġi enfasizzata d-direzzjoni futura tal-proġett Ewropew u jenfasizza li l-proposti kollha li jsiru mill-Konferenza jridu jkunu sensitivi għat-tħassib tal-ġenerazzjonijiet futuri;

10. jitlob għal enfasi ċara fuq l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea u dibattitu minn isfel għal fuq dwar is-suġġetti tal-Konferenza, inklużi, iżda mhux limitati għall-isfidi ambjentali u klimatiċi, il-ġustizzja soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, it-trasformazzjoni diġitali, il-migrazzjoni, il-komunità Ewropea tal-valuri, l-ekonomija u l-impjiegi, il-koeżjoni territorjali, u l-bidliet fil-politiki, il-proċessi, l-istituzzjonijiet u r-riżorsi tal-UE, inkluż ir-rwol tad-demokrazija u l-awtonomija lokali u reġjonali, li huma meħtieġa biex l-UE tkun tista' tirreaġixxi għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. Sabiex ir-riżultati tal-Konferenza jiġu implimentati b'mod xieraq ma għandhomx jiġu esklużi bidliet possibbli fit-Trattati tal-UE;

11. jappoġġja l-proposta li saret fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa (P9\_TA-PROV (2020) 0010) li matul il-Konferenza għandhom jiġu organizzati diversi agoras tematiċi taċ-ċittadini li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi u li dawn għandhom ikunu magħmula minn massimu ta' 200-300 ċittadin, inklużi mill-inqas tliet rappreżentanti għal kull Stat Membru, ikkalkulati skont il-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva. Barra minn hekk jappoġġja t-tħassib tal-Parlament Ewropew li ċ-ċittadini parteċipanti għandhom jintgħażlu b'mod aleatorju minn fost iċ-ċittadini kollha tal-UE, minn korpi indipendenti fl-Istati Membri abbażi tal-kriterji stabbiliti hawn fuq;

12. huwa konvint li sabiex jiġi sfruttat aktar l-appoġġ taċ-ċittadini għall-integrazzjoni Ewropea u biex dawn jiġu involuti aktar mill-qrib fit-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE, huwa essenzjali li, matul id-diskussjonijiet tal-Konferenza, issir enfasi fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea bbażata fuq id-drittijiet individwali fis-sistema Ewropea ta' governanza f'diversi livelli;

13. jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar il-pożizzjonijiet espressi s'issa mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Ministri, li mhumix ċari u mhumix ambizzjużi fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-proċess tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u b'mod partikolari fir-rigward tal-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Unjoni Ewropea u tal-Kumitat tar-Regġuni;

14. jemmen li l-Konferenza għandu jkollha bħala mira ċara t-fassil ta' proposti konkreti għal leġislazzjoni jew bidliet fit-Trattati tal-UE, li mbagħad jiġu diskussi matul il-kampanja elettorali tal-Parlament Ewropew tal-2024 bil-għan li jkun hemm Konvenzjoni futura;

15. jilqa' b'sodisfazzjon il-plenarja proposta tal-Konferenza li ġiet iffurmata minn membri tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-gvernijiet tal-UE27, tal-parlamenti nazzjonali u tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni; jitlob li l-KtR ikun irrappreżentat minn tal-anqas tmien membri bi drittijiet sħaħ tal-vot; iqis ukoll neċessarju li t-tieni kmamar tal-parlamenti nazzjonali għandhom ikunu rappreżentati fuq livell ugwali, peress li f'hafta Stati Membri dawn huma magħmula minn rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali;

16. jitlob lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Konferenza jiżgura bilanċ politiku u istituzzjonali bejn il-livelli kollha ta' governanza, billi jinkludi membru tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni li jista' jiġi appoġġjat minn membru tal-persunal tal-KtR issekondat lis-segretarjat konġunt;

17. jilqa' l-proposta li jiġu involuti wkoll rappreżentanti lokali u reġjonali mill-pajjiżi kandidati tal-UE fid-diskussjonijiet dwar il-ġejjieni tal-Ewropa;

18. jistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinkorporaw il-prinċipji msemmija f'din ir-Riżoluzzjoni fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom u jindika l-intenzjoni tiegħu li jsir firmatarju ta' dik id-dikjarazzjoni;

19. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-Riżoluzzjoni quddiem il-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, il-President tal-Kunsill Ewropew u l-Presidenza Kroata tal-Kunsill.

Brussell, it-12 ta' Frar 2020.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*  
Apostolos TZITZIKOSTAS

---